MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru. 832/2008

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Clyde Bonavia, iben Anthony, imwieled Pieta' fid-9 ta' Awwissu, 1984

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn l-4 u il-5 ta' Settembru, 2008 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin, f'ħinijiet differenti fil-Gżejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fil-5 ta' Settembru, 2008 għal habta tas-1.20 a.m. ikkometta serq ta' dgħajsa żgħira (ċattra) ta' l-għamla mhux magħrufa, mingħajr in-numru tar-reġistrazzjoni, liema biċċa tal-baħar kienet sorġuta mal-moll magħruf

bħala 'Tax-Xewkija', fix-xatt tal-Kalkara, għad-dannu ta' Salvatore Psaila u persuni oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, liema valur jeċċedi l-€232.94, bil-lok u bil-ħin;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' 'multi-utility knife' minn fuq 'cabin cruiser' li hu msemmi 'Rebecca & Isaac', li kien jinsab sorġut ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fuq il-'cabin cruiser' li hu msemmi 'Rebecca & Isaac', li kien sorġut ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-bieba tal-kabina ta' l-istess 'cabin cruiser' proprjeta' ta' Frankie Bezzina, liema ħsara teċċedi l-€1,164.69 għad-dannu ta' Frankie Bezzina u persuni oħra;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' xugaman minn fuq 'cabin cruiser' li hu msemmi 'Lady Christine', li hu reġistrat bin-numru S-5675, li kien jinsab sorġut ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, liema serq hu kkwalfikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fuq il-'cabin cruiser' li hu msemmi 'Lady Christine', li hu reġistrat bin-numru S-5675, li kien jinsab sorġut ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-bieba tal-kabina ta' l-istess 'cabin cruiser', proprjeta' ta' Keith Farrugia, lliema ħsara tammonta għall-€656.95 għad-dannu ta' Keith Farrugia u persuni oħra;

6. talli fil-5 ta' Settembru, 2008, għal habta tas-1.20 a.m., fil-waqt li kien fuq il-baħar, ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' dik ta' serq mid-dgħajjes l-oħra li kien sorġuti ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt maġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu, u li kieku seħħ dan id-delitt kien ikun ikkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin għad-dannu ta' diversi sidien tad-dgħajjes;

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fuq ix-xatt tal-Kalkara, bi vjolenza u b'theddid ġiegħelt lill-PS440 Kenneth Vella Gregory, PS856 Conrad Falzon, PC568 Christian Grech u PC215 Clint Zahra, bħala uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fuq ix-xatt tal-Kalkara, u aktar tard, fl-istess ġurnata u fl-inħawi tal-Cottonera, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-lock up ġewwa Floriana, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS440 Kenneth Vella Gregory, PS856 Conrad Falzon, PC568 Christian Grech u PC215 Clint Zahra, bħala persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxu fl-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fuq ix-xatt tal-Kalkara, u aktar tard, fl-istess ġurnata u fl-inħawi tal-Cottonera, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-lock up ġewwa Floriana, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS440 Kenneth Vella Gregory, PS856 Conrad Falzon, PC568 Christian Grech u PC215 Clint Zahra, bħala persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmlu jew minħabba li kien qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fl-inħawi tax-xatt tal-Kalkara, u aktar tard, fl-istess ġurnata u fl-inħawi tal-Cottonera, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-lock up, Floriana, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li l-pulizija kien qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;
11. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fl-inħawi tax-xatt tal-Kalkara, u aktar tard, fl-istess ġurnata u fl-inħawi tal-Cottonera, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-lock up, Floriana, stieden għall-ġlied lill-PS440 Kenneth Vella Gregory, PS856 Conrad Falzon, PC568 Christian Grech u PC215 Clint Zahra;

12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fl-inħawi tax-xatt tal-Kalkara, u aktar tard, fl-istess ġurnata u fl-inħawi tal-Cottonera, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-lock up, Floriana qal kliem oxen, indeċenti u dagħa;
13. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement f'Malta, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
14. talli fl-istes ċirkostanżi, fil-waqt li kien fl-inħawi tax-xatt tal-Kalkara, matul il-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
15. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, fil-waqt li kien fl-inħawi tax-xatt tal-Kalkara, kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu, arma tan-nar mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
16. talli fil-ħin tar-reati kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar;
17. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom, meta kien jaf jew imissu kien jaf, li b'tali mġieba kien ser jikkaġuna biża lil ħaddieħor;
18. talli fil-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awwissu, 2008 u l-4 ta' Settembru, 2008 minn fuq il-'cabin cruiser' 'Chrysalis', liema 'cabin cruiser' jinsab sorġut ftit metri 'l bogħod mix-xatt tal-Kalkara, ikkometta serq ta' LCD TV 32", mudel u numru tas-serje mhux magħruf, liema LCD TV jiswa 'l fuq minn €232.94;
19. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' DVD player, għamel mudell u nu rut as-serje mhux magħruf, liema DVD player jiswa 'l fuq minn €116.47;
20. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' CD player, għamla, mudell u numru tas-serje mhux magħruf, liema CD player jiswa 'l fuq minn €116.47;
21. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' 'marine radio', għamla, mudell u numru tas-serje mhux magħruf, liema 'marine radio' jiswa 'l fuq minn €232.94;

22. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' GPS, għamla, mudell u nu rut as-seje mhux magħruf, liema GPS jiswa 'l fuq minn €232.94;
23. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkometta serq ta' żewġ tornaviti tal-għamla 'Rolson', liema tornaviti jiswew madwar €23.29 u dan għad-dannu ta' Gustavo Gysler mis-Siġġiewi u persuni oħra, liema serq hu aggravat bil-vjol,enza, bil-valur, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;
24. talli fl-istess perjodu ta' bejn il-31 ta' Awwissu, 2008 u l-4 ta' Settembru, 2008, fil-waqt li kien fuq il-'cabin cruiser' li hu msemmi 'Chrysalis', li kien sorġut ftit 'il bogħod mix-xatt tal-Kalkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq bieba ta' gabina ta' l-istess 'cabin cruiser' proprjeta' ta' Gustavo Gysler mis-Siġġiewi, liema ħsara jeċċedi l-€1,164.69 għad-dannu ta' l-istess Gustavo Gysler u persuni oħra.
Talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija minn Qrati differenti, liema sentenżi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq imsemmija.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Marzu, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 17, 18, 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(e), 270, 276, 278, 279, 280 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 261(a)(b)(e)(f), 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 269(e), 270, 276, 278 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

e. fl-artikoli 261(a)(b)(e)(f), 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 269(e), 270, 276, 278 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikolu 91 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
k. fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;
l. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
m. fl-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;
n. fl-artikoli 5, 6, 51, 55, 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
o. fl-artikolu 251B(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali;
p. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(e), 278(3), 279(a) 280 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
q. fl-artikoli 261(b)(e), 263(a), 264(1), 265, 269(e), 278(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali
r. fl-artikoli 261(b)(e), 263(a), 264(1), 265, 269(e), 278(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
s. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(e), 278(3), 279(a), 280 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
t. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(e), 278(3), 279(a), 280 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
u. fl-artikoli261(b)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(e), 278(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
v. fl-artikoli 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
w. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April, 2009 fejn l-imputat ta l-lkunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 49, 50, 91, 95, 96, 251B, 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262, 263(a), 264, 265, 267, 269(e), 270, 276, 278(1)(2)(3), 325(1)(a), 338(m)(bb)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5, 6, 51, 55, 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ tlett snin priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma hemm lok li jiġi applikat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------